# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 833/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Victoria Buttigieg D'Ugo**

Illum 25 ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Victoria Buttigieg D'Ugo**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 331372(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Mejju 2023 u fix-xhur ta' qabel fir-residenza 21, 'Twilight', Triq il-Markiż C. Depiro, Naxxar:

1. mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandha, ġiegħlet bl-awtorita' tagħha nnifisha lil Neil Buttigieg D'Ugo iħallas

dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklet lil Neil Buttigieg D'Ugo fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħlet fi ħwejjeġ ħaddieħor;

2. b'għemil doluż, għamlet att li bih il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali ma ħallitux isir jew ġie mdewwem milli jsir.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputata ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha, sabitha ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatha multa ta' ħamest elef Euro (€5000).

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fil-11 ta' Frar 2025 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: "*jogħġobha:*

1. *Tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata u għalhekk tillibera lill-appellanta minn kull ħtija u imputazzjoni u/jew alternattivament*

2. *Filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tirriformaha billi fejn fil-parti fejn erogat piena ta' ħamest elef Euro (€5000) teroga piena inqas minn dik kontemplata fil-liġi bl-applikazzjoni tal-Art. 20 Kap. 9, b'multa aktar xierqa fiċ-ċirkostanzi ta' mhux aktar minn erba' mitt Euro (€400), jew alternattivament*

3. *Filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tirriformaha billi b'applikazzjoni tal-Artikolu 22, Kap. 446, filwaqt li tikkundanna lill-appellanta tar-reat li bih ġiet mixlija, tissospendi s-sentenza taħt l-kondizzjoni li l-imputata ma tagħmilx reat ieħor għal żmien li jidhrilha xierqa u opportuna."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-6 ta' Marzu 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Jannar 2025.

Illi f'dan il-każ l-appellanti ġiet akkużata b'żewġ imputazzjonijiet: l-ewwel (1) imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' *ragion fattasi* u t-tieni (2) imputazzjoni tirrigwarda li b'għemil doluż għamlet att li bih ma ħallietx isir jew ġie mdewwem milli jsir il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni minn liema sejbien ta' ħtija ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tagħha li qed jiġi kkunsidrat b'din is-sentenza tallum.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellanti hija l-omm il-*parte civile* Neil Buttigieg D'Ugo. Jirriżulta wkoll li huma jirrisjedu f'residenzi differenti u li r-relazzjoni ta' bejniethom hija waħda ħażina. Quddiem l-Ewwel Qorti, il-*parte civile* xehed li għamel bejn wieħed u ieħor sas-sena 2019 joqgħod fir-residenza fejn toqgħod ommu. Jgħid li fis-16 ta' Mejju 2023 irċieva telefonata minn għand ommu l-appellanti fejn qaltlu li kien hemm xi posta tiegħu ġewwa r-residenza fejn tgħix hi. Jgħid li rriżulta li hija kienet taf ċertu dettalji ta' natura medika li kien hemm fil-posta in kwistjoni u li meta staqsieha kif kienet taf hija weġbitu li kienet fetħet il-posta in kwistjoni. Jirriżulta li l-posta kienet tikkonsisti f'żewġ ittri mibgħuta mill-Isptar Mater Dei: waħda datata 11 ta' Mejju 2023 (Dok. "Ċ" – *a fol.* 26) u oħra datat 24 ta' Mejju 2023 (Dok. "B" – *a fol.* 24). Il-*parte civile* xehed li dawn iż-żewġ ittri ngħataw lilu miftuħin fit-12 ta' Ġunju 2023 u li dakinhar l-appellanti tagħtu wkoll żewġt ittri oħra li kienu magħluqin, waħda ndirizzata lilu u oħra ndirizzatu lil ħuh. Meta ġie mistoqsi jgħid r-raġuni għala l-ittri waslu fir-residenza ta' ommu, il-*parte civile* wieġeb li ma kienx jaf u li kien hemm ċertu servizzi tal-

Gvern li l-indirizz ma kienx inqaleb. In kontro-eżami l-*parte civile* xehed li din ma kinitx l-ewwel okkażjoni li hu u ħuh irċevew posta fir-residenza ta' ommhom u li l-informazzjoni dwar il-posta tiegħu kienet tasal minn għandha. Jgħid li hu kien biddel l-indirizzi kollha u li ma għandux *mail forwarding* u dana peress li hemm *charges* assoċjati ma' *mail forwarding* temporanju. Dwar il-mertu tal-każ, il-*parte civile* qal l-posta ġiet mgħoddija lilu minn għand ommu bil-kumdita' tagħha. Jgħid li huwa kien qed jistenna li hija tħalli l-posta in kwistjoni fil-*letter box* tar-residenza li tgħix fiha fejn waslu u sempliċement tinfurmah b'messaġġ jew b'liema mezz riedet li kien hemm il-posta. Jgħid li kien hemm okkażżjonijiet fejn ommu kienet tgħidlu li hemm il-posta u meta jmur kien isib aktar minn ittra waħda.

Illi da parte tagħha, meta l-appellanti xehdet quddiem l-Ewwel Qorti hija bażikament ammettiet li fetħet il-posta li għamel riferenza għaliha l-*parte civile* fix-xiehda tiegħu u meta ġiet mistoqsija tgħid għala għamlet hekk wieġbet li ma riditx li binha l-*parte civile* jitlef xi appuntament li seta' kellu l-Isptar.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Victor Edward Cassar** (Numru 15/2003), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bażikament l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif ġie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, *"prinċipju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" 10.5.02 u oħrajn). Il-Qorti

tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-ħtija addebitata lill-appellanti."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellanti tressaq ħames aggravji fir-Rikors tal-appell tagħha. Dawn l-aggravji huma s-segwenti:

- Fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta eżaminat l-element essenzjali tad-*dolo* sabiex jississusti r-reat *ai termini* ta' Artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li l-appellanti tikkonferma li ma hemmx dubju li nfetħet ittra, hija tisħaq li l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni erronea li ġialadarba nfetħet ittra kien hemm dolożita'. Targumenta li hija ma kellha l-ebda intenzjoni li ddewwem milli ssir il-kunsinna. Tgħid li wara kollox din il-posta ġiet riċevuta fid-dar tagħha u li hija mhijiex impjegata tal-Maltapost. Targumenta li tant ma dewmitx milli tgħaddi l-posta lil binha li qaltlu li kellu l-posta.

- Fit-tieni aggravju tagħha l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti ma' għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti meta kkonkludiet li hija għaddiet l-ittra lil binha *"x'ħin kienet komda".*

- Fit-tielet aggravju l-appellanti targumenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx il-fatt li l-*parte civile* ma ġarrab ebda ħsara b'dan ir-reat.

- Fir-raba' aggravju l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti fejn sabitha ħatja li fetħet ittri u mhux ittra waħda biss liema konklużjoni setgħet wasslet

sabiex l-Ewwel Qorti erogat piena wisq ħarxa fil-konfront tagħha.

- Il-ħames aggravju jirrigwarda l-piena li l-Ewwel Qorti erogata fil-konfront tagħha meta sabitha ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju tal-appellanti u li ġie msemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Warren Abraham Scicluna** (Numru 346/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "37. L-Artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:
>
> > "Kull persuna li: -
> >
> > (h) tiftaħ b'għemil doluż jew iġġiegħel li jinfetaħ xi oġġett postali li kellu jiġi kunsinnat, jew b'għemil doluż tagħmel xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali, ma titħalliex issir jew tiġi mdewwma milli ssir, jew tikkomunika jew tagħmel użu minn informazzjoni li tikseb minn oġġett postali li jkun ġie hekk miftuħ…".
>
> 38. L-element materjali tar-reat jikkonsisti fit-twettieq ta' xi att li permezz tiegħu l-awtur tar-reat ma jħallix jew idewwem il-kunsinna ta' oġġett postali lid-destinatarju tiegħu. L-element formali huwa kostitwit mill-intenzjoni tal-awtur tar-reat li jwettaq l-att materjali li minħabba fih il-kunsinna tal-oġġett postali ma tkunx tista' ssir jew tiġi mdewma. Din l-azzjoni trid tkun il-frott ta' 'għemil doluż', fis-sens li dan l-att ostativ jitwettaq

intenzjonalment u volutament b'mod li ma jkunx frott ta' aġir kolpuż bħal atti li jkunu magħmula b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti. Mhux meħtieġ li tiġi pruvata xi malizzja jew ħażen partikolari; iżda huwa meħtieġ li jiġi pruvat b'mod sikur li l-awtur tar-reat aġixxa b'intenzjoni pożittiva li jwettaq l-att materjali ta' dan id-delitt.

39. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Francis sive Frank Ellul** deċiż nhar id-19 ta' Frar 2003 ġie rilevat is-segwenti:

> "Illi din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Raymond Vella**" [2.8.1999] kienet irriteniet li:- "Il-kelma "dolożament" ("maliciously" fit-test Ingliż) fl-Artikolu 138 hi intiża sempliċement biex tagħmilha ċara li dan ir-reat hu wieħed doluż u mhux kolpuż; din il-kelma ma tfissirx li dan ir-reat jeħtieġ xi "malizja" jew "ħażen" partikolari, oltre dak li hu rikjest għall-finijiet tad-dolo, ċioè l-intenzjoni pożittiva diretta jew l-intenzjoni pożittiva indiretta."

[…]

42. F'dan il-każ, it-teżi prosekutorja tixli lill-appellant billi taddebitah b'atti magħmula dolożament minnu (l-għemil doluż) u li bihom il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali (*vouchers* maħruġa mill-Gvern fi żmien il-pandemija Sars-Cov-2) ma tħallietx issir lid-destinatarja debita (l-eks martu Melanie Scicluna).

43. Dan l-artikolu ma jispeċifikax liema huma dawk l-atti li meta magħmula dolożament jistgħu jikkostitwixxu dan ir-reat. Iżda jrid jiġi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-oġġett postali ma jkunx wasal

għand id-destinatarju tiegħu grazzi għall-intervent doluż tal-ġudikabbli u mhux għal raġuni indipendenti mir-rieda tiegħu jew għal raġuni kolpuża tiegħu.

[…]

46. L-oġġett postali reklamat mill-*parte civile* allura ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li wasal fl-indirizz ta' dik li kienet ir-residenza li l-*parte civile* u tal-imputat, iżda li fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża ma kienetx għadha aktar tikkostitwixxi r-residenza tagħhom, għalkemm it-tnejn jivvintawha bħala li hija proprjetà tagħhom. Ġie pruvat ukoll b'mod sikur li f'dan l-indirizz kienet qegħda tirrisjedi l-familja Cizek, b'titolu ta' lokazzjoni wara li l-istess fond ġie mikri lilhom mill-appellant. Ġie pruvat ukoll b'mod sikur li dan l-oġġett postali meritu ta' din il-proċedura kien ġie riċevut minn Vladislav Cisek u debitament konsenjat lill-appellant.

47. Ma ġiex pruvat b'mod sikur li dan l-oġġett postali ġie miftuħ jew li l-kontenut tiegħu ġie żvelat jew li l-kontenut tiegħu in kwantu *vouchers* ġew użati jew imsarrfa mill-appellant jew minn terzi persuni."

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li l-fatti tal-każ tas-sentenza hawn fuq ċitata u li *del resto* ġiet ċitata wkoll fis-sentenza appellata kienu għal kollox differenti mill-fatti tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti u li dwaru qed tingħata din is-sentenza tallum, tinnota wkoll li f'dan il-każ ma huwiex kontestat li l-appellanti allura imputata fetħet il-posta destinata lil binha l-*parte civile* b'dan illi ma jistgħux jiġu mwarrba fil-ġenb is-segwenti fatti li jirriżultaw mill-atti proċesswali:

- il-*parte civile* u l-appellanti għamlu żmien jgħixu flimkien b'dan illi l-*parte civile* ma baqax jgħix aktar ma' ommu l-appellanti numru ta' snin ilu;

- l-appellanti ċemplet lil binha fis-16 ta' Mejju 2023 fejn qaltlu li kien hemm xi posta tiegħu ġewwa r-residenza fejn tgħix hi;

- il-*parte civile* ma kienx jaf x'kienet ir-raġuni għala l-ittri waslu fir-residenza ta' ommu b'dan illi qal li kien hemm ċertu servizzi tal-Gvern fejn l-indirizz ma kienx inqaleb;

- ma kinitx l-ewwel darba li l-*parte civile* u ħuh jirċievu posta fir-residenza ta' ommhom b'dan illi l-informazzjoni dwar il-posta kienet tasal minn għandha;

- ma jirriżultax li l-*parte civile* għamel *mail forwarding* u dana sabiex jevita spejjeż assoċjati ma' tali *forwarding* temporanju.

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, minkejja li l-*parte civile* xehed li l-posta li jagħmel riferenza għaliha fid-depożizzjoni tiegħu ngħatat lilu fit-12 ta' Ġunju 2023 u minkejja li ngħad minnu li din il-posta ġiet mgħoddija lilu minn għand ommu bil-kumdita' tagħha pero' wieħed ma jridx jinsa li hija qaltlu bil-posta u li huma ma kienux jirrisjedu fl-istess residenza.

Illi l-*parte civile* messu ra x'għamel sabiex il-posta tiegħu ma tibqax tmur fir-residenza ta' ommu u dana nkluż li jagħmel il-ħlas neċessarju sabiex isir il-*mail forwarding*. Minkejja li l-*parte civile* jgħid li huwa stenna li ommu l-appellanti tħalli l-posta fil-*letter box* tar-residenza li tgħix fiha fejn waslu u sempliċement tinfurmah b'messaġġ jew b'liema mezz riedet li kien hemm il-posta, pero' fl-istess waqt huwa ma jistax jippretendi jew jagħti ordni lil ommu x'għandha tagħmel bil-posta tiegħu u li ġiet riċevutha għandha meta jirriżulta li hija effettivament kienet qaltlu li kien irċieva tali posta.

Illi ma jirriżultax li kien hemm xi posta li l-appellanti ma għaddietx lil *parte civile* u dana minkeja li l-*parte civile* xehed li kien hemm okkażżjonijiet fejn ommu kienet tgħidlu li hemm il-posta u meta jmur isib aktar minn waħda. Filwaqt li l-appellanti setgħet ma tkunx preċiża dwar l-ammont ta' ittri indirizzati lil binha u li

hija kienet tirċievi fl-indirizz residenzjali tagħha, pero' fl-istess waqt ma jistax jiġi argumentat li kien hemm xi għemil doluż da parti tal-appellanti jew ġiegħlet li jinfetaħ xi oġġett postali li kellu jiġi kkunsinnat, jew li b'għemil doluż għamlet xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali ma tħalliex isir jew ġie mdewwem milli jsir jew li hija għamlet użu minn informazzjoni li tikseb minn oġġett postali li jkun ġie hekk miftuħ u dana hekk kif rikjest f'Artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet ħtija fl-appellanti allura imputata fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha u dana stante li ma ġiex ippruvat l-ebda għemil doluż da parte tagħha. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellanti qed jiġi milqugħ bil-konsegwenza li ma hemmx għalfejn isiru konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-oħra mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Victoria Buttigieg D'Ugo u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellanti ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja tal-imputazzjoni msemmija u b'hekk tilliberaha minnha u minn kull ħtija u piena.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |